# Rapport Amministrattiv
# Kunsill Lokali Santa Venera
# għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2010

**Introduzzjoni:-**

Jiena ġejt maħtur bħala Aġent Segretarju Eżekuttiv għall-Kunsill Lokali Santa Venera b'seħħ mit-08 ta' Ġunju 2010 u mingħajr ma ingħatajt xi forma ta' *handover* la informali wisq anqas formali.

**Bidu:-**

Malli dħalt f'din il-kariga li kellha tkun għal ftit żmien sakemm jiġi maħtur Segretarju Eżekuttiv ġdid, meddejt għonqi għal ħidma sabiex nara f'liema fażi kienet waslet il-ħidma tal-Kunsill u jekk il-pjan ta' ħidma tal-Kunsill kienx qed jiġi mwettaq kif imwiegħed.

Mill-indaġini sibt li ma kienx hemm pjan ta' ħidma iżda kien hemm diversi proġetti maħsuba fosthom dak magħruf bħala Skate Park iżda li minħabba nuqqas ta' fondi kellu jitpoġġa fuq l-ixkaffa.

Il-Kunsill ukoll kien qed jaħseb sabiex issib post aktar addattat bħala post għall-amministazzjoni tal-Kunsill sabiex ikun aktar aċċessibli.

Kien hemm ħafna pendenzi fosthom l-infieq dwar iż-żjara tal-Papa.

Kien perjodu ta' ħidma iżda ukoll turbulenti. Is-Segretarju Eżekuttiv magħżul ma aċċettax il-kariga, kien hemm ukoll ir-riżenja tas-Sindku Ms. E. Vella li anke irreżenjat mill-Kunsill, kif ukoll kien hemm riżenja ta' waħda mill-iskrivani tal-Kunsill.

Il-ħajja tal-Kunsill kellha tkompli, inħatar Sindku ġdid Sur H.J. Anastasi, Viċi Sindku Sur Ronald Briffa u bħala Kunsillier ġiet eletta s-Sinjura Mariella Micallef.

Rigward il-finanzi kien jidher evidenti li l-problema tal-finanzi speċjlament li l-performance indicator kien fin-negattiv u allura wisq anqas mill-10% kif huwa meħtieġ, ħalla l-ħidma tal-Kunsill paralizzata tkun biss għal ġbir ta' l-iskart u servizzi oħra meħiteġa kif kuntrattati u ftit patching.

Bdew jiġu kunsidrati l-affarijiet kollha dwar il-ħela u dwar fejn jiġu frankati spejjeż għall-Kunsill.

Għalaq il-kuntratt ta' works manager u ma ġiex imġedded.

Dak tal-ġonna ma ġiex mġedded peress li l-Kunsill ħaseb li bi ftit investiment dan ix-xogħol issir bil-ħaddiema tal-Kunsill.

Il-problemi ma naqsux iżda l-ħidma tkompli. Il-Kunsill għamel dak kollu li seta sabiex ilaħħaq u jissodisfa l-ilmenti tal-pubbliku.

Saru diversi laqgħat dwar il-proġett ta' Wignacourt fejn il-Bank of Valletta wiegħed li joħroġ ħamsin elf lira Maltija (Lm50,000.00) kif kien miftiehem mal-MEPA meta nbena ċ-Ċentru tal-Bank ġewwa Santa Venera.

Il-proġett ta' ħames toroq taħt il-Public Private Partnership huwa proġett ta' fejda għal Santa Venera u il-Kunsill ħadem bi sħiħ dwar dan.

Għalkemm dan il-proġett jorbot il-finanzi tal-Kunsill fit-tul jidher li r-riżorsi finanzjarji tal-Kunsill, jekk ikkontrollati sewwa ilaħqu għalkemm jidher li jista ikun hemm limitazzjoni fil-proġetti oħra tal-Kunsill.

Beda jsir skruttinju tal-kontijiet/invoices li jrċievi l-Kunsill u kull invoice għandu immarkat bħala 'checked', 'approved', u 'settled'.

Problema li nqalgħet hija dik dwar konsum kbir ta' l-ilma fil-latrina pubblika li anke wassal sabiex tingħalaq il-latrina pubblika għal żmien indefinit sakemm tintemm l-inkjesta tal-pulizija.

Saret ħidma ukoll mal-Kunsill Lokali għaż-Żgħażagħ.

Bħala Kunsill Lokali Santa Venera saru diversi laqgħat uħud minnhom issejħu b'urġenza.

Is-sotto kumitati li seta għandu l-Kunsill mhux jiffonzjonaw jew ġew xolti.

Ġieħ Santa Venera 2010 ngħata lil Ex-Sindku s-Sur Michael Caruana.

Il-magazine 'L-Akwidott' ħareġ għall-aħħar ta' Diċembru 2010 taħt il-ħidma ewlenija tas-Sindku.

**Konklużjoni:-**

Il-financial statements għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2010 jiffurmaw parti minn dan ir-rapport amministrattiv.

Jidher li jekk ikun hemm aktar ħidma ko-ordinata fejn kulħadd ikun konxju tal-ħidma u r-responsabilita kemm rispettiva kif ukoll kollettiva jinħoloq aktar teamwork kemm qalb il-Kunsillieri kif ukoll ikun hemm aktar kordinament tax-xogħol bejn il-Kunsill u l-amministrazzjoni.

Finalment nixtieq nirringrazzja lill-ħaddiema tal-Kunsill kemm klerikali kif ukoll manwali, lis-Sindku u l-Kunsillieri kollha, lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, lill-accountant tal-Kunsill u lil dawk kollha li jgħinu l-amministrazzjoni tal-Kunsill sabiex jaħdem b'risq ir-residenti kollha ta' Santa Venera.

Joseph M. Formosa
Aġent Segretarju Eżekuttiv
Kunsill Lokali Santa Venera